MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Avviz Numru. 369/2009

**Brian Caruana**

**vs**

**Nicholas Fenech**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' sitt elef, hames mija u ghoxrin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu, (€6,522.24), rapprezentanti bilanc minnu dovut lir-rikorrenti mill-prezz ta' skip loader ta' l-ghamla 'Dodge' bin-numru ta' registrazzjoni IAH – 242 lilu mibjugh u kkonsenjat, bl-ispejjez kollha nkluz dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 2030/09 u bl-imghax legali mid-data tal-bejgh sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tar-rikorrenti sabiex l-inimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fil-5 ta' April tas-sena 2011 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Nicholas Fenech sabiex ihallas is-somma ta' sitt elef, hames mija u tnejn u ghoxrin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu, (€6,522.24), lir-riikorrenti Brian Caruana;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-intimat Nicholas Fenech.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------